MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 2040/1998/1

**Michael Attard**

**Vs**

**Klaus Skalin u martu Jacqueline Skalin**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti ghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-attur is-somma ta' mitejn u tminn liri u sitta u disghin centezmu (Lm208.96c) rapprezentanti l-kunsum ta' dawl, ilma u telefon fl-appartament numru tnejn (2), Saint Michael's Flats, Gharghur waqt li dana kien okkupat mill-konvenuti.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-27 ta' Frar 1997, tas-16 ta' Gunju 1998 u tas-6 ta' Ottubru 1998, u l-imghax, kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u li biha eccepew (a fol 4 tal-atti):

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti Jacqueline Skalin ghandha tigi liberta mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur.
2. Illi bejn l-eccipjent Klaus Skalin u l-attur Michael Attard kien sar ftehim ta' lokazzjoni. Peress li matul dan il-perjodu Klaus Skalin kien ta' nazzjonalita estera u l-attur ma kellux il-permess mehtieg sabiex ikun jista' jikri l-fond lill-barranin, it-talba tieghu hija nfondata ghax bazata fuq kawza illecita.
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz it-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazjozni tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, ghandu jinghad illi :-

a. il-konvenuti sad-data tallum, ma ottemprawx ruhhom ma dak verbalizzat a fol 33 u a fol 42 tal-atti. Difatti l-istess konvenuti, ghadhom ma ssottomettewx 'nota ta' referenzi in konnessjoni ma kazista dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjoni…." u dan avolja inghataw zmien sufficjenti ghal dan il-ghan.
b. In rigward it-tielet eccezzjoni, din ma tistax tigi kunsiderata bhala eccezzjoni fil-veru sens tal-kelma in vista li ma hemm ebda raguni jew ragunijiet specifikati il-ghaliex "… it-talba ta' l-attur hija infondata fid-fatt u fid-dritt" izda hemm indikat biss "kif ser jirrisulta waqt it-trattazzoni tal-kawza", eccezzjoni certament mhux accettabbli fuq basi ta' ligi. Ghalhekk il-Qorti ser tiddeciedi din il-kawza anke fil-meritu taghha.

Ikkunsidrat

Illi, in sostenn, il-provi prodotti huma is-segwenti:-

a. L-attur (fol 8, 35 u 36 tal-atti) xehed illi l-konvenut ta' nazzjonalita barranija u deskritt minnu bhala '… tabib jifhem hafna fiz-zwiemel' u ' .. dilettant taz-zwiemel bhat-tfal tieghu' kien kera 'unfurnished' u minn ghandu l-appartament in kwisjtoni bil-kera ta' Lm45 fix-xahar, liema kirja kienet saret verbalment u '… bil-miktub sar il-ktieb tal-ircevuti biss'.In rigward l-istess post mikri lilu, il-konvenut kien okkupah ghal madwar sentejn aktarx mill-1997 flimkien ma martu, Maltija, li kienet giet tabita fl-istess post '… wara ftit'. Dwar dak mitlub fl-avviz, l-attur kien xehed ili kien sab kontijiet ta' dawl, ilma u telefon u meta tkellem mal-konvenut dwar dawn, ammontanti ghal madwar Lm400 dan kien qallu li kien ser jhallashom. Pero' jidher li l-konvenut kien hallas biss, Lm180 u kien irrifjuta li jhallas il-bilanc. Fl-ahhar tax-xhieda tieghu, l-attur kien semma illi kien sejjer '… jiccara il-perijodu tal-kirja in kwistjoni', izda dan qatt ma avvera ruhu (ara fol 36 ibid). Dwar permess o meno sabiex jikri lill-barranin, l-attur spjega li f'dan il-kaz, ma kienx kera lill-barranin in vista li l-konvenut kien mizzewweg, ma mara ta' cittadinanza Maltija u kien qed jahdem f'Malta waqt li ammetta li l-istess post ma kellhux permess sabiex jinkera lill-barranin. Inoltre dwar il-kontijiet in kwistjoni l-attur esebixxa, biss, dawk a fol 23 sa fol 31 tal-atti li huma kontjiet u pagamenti li saru in rigward telefonati, biss, ta' minn jinnota ukoll illi ghal xi raguni li ma hiex cara, dawn id-dokumenti huma, kwazi kollha f'isem certu 'Lawrence Borg".

b. Il-konvenuta (Fol 37 u fol 38 ibid) specifikat in rigward it-tieni eccezzjoni illi hi u l-konvenut kienu izzewgu fl-4 ta' April 1997 (ara fol 15 tal-atti) meta l-konvenut kien di gja qed jabita fil-Gharghur u wara iz-zwieg kienet damet tabita fl-istess post ghal madwar sena'. Dwar l-istess kontjiet, dawn kienu thallsu minn zewgha.

c. Il-konvenut (fol 39 u fol 40 ibid) specifika illi kien beda' jabita fl-istess post mill-ewwel (1) ta' Ottubru 1995 waqt li kien iltaqa', ma martu matul Jannar 1996. L-istess konvenut sema', ukoll, illi 'Until we got married, I and my wife used to co-habit in the flat in question'. Wara iz-zwieg, kien, inoltre, ottjena l-liberta tal-moviment f'Malta.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-ewwel eccezzjoni, il-Qorti hi tal-fehma illi l-kawza odjerna kellha tigi intavolata, wkoll, kontra martu in vista li dak pretiz fl-avviz ghandu jigi kunsidrat bhala dejn kontra l-komunjoni tal-akkwisti u b'hekk, fin-nuqqas ta' dan, l-gudizzju ma setax jkun integru. In rigward it-tieni eccezzjoni oltre li jigi notat li l-konvenuti ma issottomettewx nota ta' referenzi kif obbligaw ruhhom li jaghmlu sabiex jissostanzjaw il-basi legali ta' din l-eccezjoni bbasata fuq kawza illecita l-istess eccezzjoni ma kienetx tkun akkolta minhabba li f'kaz kontrarju, dan kien jammonta ghal arrikament ingustifikat ('unjustified enrichment'). Inoltre ghandu jigi enfasizzat illi l-eccezzjoni in esami setghet biss tigi akkolta jekk proposta <u>permess ta' azzjoni u mhux permezz ta' eccezzjoni bhal fil-kaz in esami</u>.

Ghalhekk l-eccezzjonijiet in esami ghandhom jigu respinti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, l-provi sottomessi mill-attur huma <u>insufficjenti</u> sabiex tista' tigi akkolta, <u>fuq basi ta' probabilta</u> t-talba in esami. Dan qed jinghad minhabba is-segwenti:-

a. Kif di gja inghad, gew esebiti kontijiet u dokumenti in rigward telefonali biss u f'dawn id-dokumenti <u>kwazi dejjem jissemma' illi s-servizz kien f'isem certu Lawrence Borg</u>' residenti fl-istess appartament.

b. Il-konvenuta sostniet li zewgha dejjem hallas il-kontijiet in kwistjoni waqt li l-attur semma' illi kien ghad hemm bilanc dovut wara li kien thallas akkont ta' Lm180.

Minhabba tali konflitt u f'nuqqas ta' prova ohra, kif di gja inghad u li biha t-talba attrici setghet tigi sostanzjata, il-Qorti ma setghetx tikkonkludi fuq bazi, ta' probabilta, illi l-ammont in kwistjoni kien dovut.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenut, tichad ukoll it-talba attrici.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------